MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

## MAGISTRAT DR.
## LAURENCE QUINTANO

Seduta tat-23 ta' Mejju, 2008

Numru 409/2006

**Il-Pulizija**
**Sp Norbert Ciappara**
**vs**
**Grazio Calleja**

**Il-Qorti,**

**Rat l-imputazzjoni dedotta kontra Grazio Calleja ta' 38 sena iben Emanuel u Concetta nee' Scerri mwieled Pieta fis-6 ta' Frar 1968 u residenti Madonna ta' Pinu No 22 Triq il-Qalgha Tarxien, ID 104468M.**

**Akkuzat talli f'dawn il-Gzejjer fit-12 ta' Ottubru 2006 u matul l-ahhar granet qabel din id-data kellu fil-pussess tieghu d-droga eroina specifikata fl-ewwel skeda tal-Ordinanza dwar il-medicini perikoluzi Kap 101 tal-Ligijiet ta' Malta meta ma kienx fil-pussess ta' awtorizzazzjoni ghall-importazzjoni jew ghall-esportazzjoni mahrug mit-Tabib Principali tal-Gvern**

**skond id-disposizzjonijiet tar-4 u s-6 Taqsima tal-Ordinanza u meta ma kienx bil-licenzja jew xort'ohra awtorizzata li jimmanifattura, jew li jforni d-droga msemmija u meta ma kienx b'xi mod iehor bil-licenzja mill-President ta' Malta li jkollu d-droga msemmija fil-pussess tieghu u naqas milli jipprova li d-droga msemmija giet fornuta lilu ghall-uzu tieghu skond ir-ricetta kif provdut fir-regolamenti msemmija u dan bi ksur tar-regolament 9 tar-regoli tal-1939 dwar il-kontroll intern tad-drogi perikoluzi (GN 292/39) kif sussegwentement emendati u bi ksur ta' l-Ordinanza dwar il-Medicini Perikoluzi Kap 101 tal-Ligijiet ta' Malta, liema droga nstabet f'tali cirkostanzi li juri li ma kinitx ghall-uzu esklussiv tieghu.**

**U iktar talli sar ricediv skond l-Artkolu 50 tal-Kodici Kriminali tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta, liema sentenza saret definittiva u ma tistax tinbidel mill-Qorti ta' l-Appell fis-16 ta' Mejju 2001.**

**Rat l-atti kollha tal-process. Rat l-ammissjoni ta' l-imputat ghal dawn iz-zewg imputazzjonijiet liema ammissjoni huwa kkonferma wara li nghata hin bizzejjed biex jahsibha. Stante illi saret din l-ammissjoni, jirrizulta li l-imputazzjonijiet gew ppruvati skond il-ligi.**

**Il-Qorti wara li rat ir-Regolament 9 tal-GN 292/1939, it-Taqsima 4 u 6, l-Artikoli 22(1)(a), 22(2)(b)(i) u (ii) tal-Kap 101 tal-Ligijiet ta' Malta kif wkoll l-Artikoli 49 u 50 tak-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta ssib lill-imputat hati ta' l-imputazzjonijiet dedotti kontrieh u qed tikkundannah ghal piena ta' 18-il xahar prigunerija li minnhom ghandu jitnaqqas kull zmien li l-imputat ghadda taht arrest preventiv in konnessjoni ma dan il-kaz u kif wkoll biex ihallas multa ta' 930 Euro, liema multa tista tithallas b'rati ta' 50 Euro fix-xahar bl-ewwel pagament isir fi zmien 4 gimghat millum. Jekk xi pagament ma jithallasx, il-bilanc ikun dovut kollu f'daqqa. Jekk xi parti mill-multa ma tithallasx din tinbidel f'jum prigunerija ghal kull 11.65 Euro li ma jithallsux. Ai termini ta' l-Artikolu 533 tal-kap 9 il-Qorti qed tordna li**

**l-imputat ihallas l-ispejjez inkorsi fl-inkjesta u dan ghaliex din saret wara is-16 ta' Jannar 2006. Tordna id-distruzzjoni tad-droga taht il-harsien tar-Registratur.**

MAGISTRAT

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------